

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformulazzjoni\)](#) > Croatia

Notifika ta' dokumenti (riformulazzjoni)

Il-Kroazja



Il-Kroazja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 3(1) – Aġenziji mittenti

L-aġenziji mittenti Kroati kompetenti għan-notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż huma kif ġej:

- fil-każ ta' dokumenti ġudizzjarji, il-qorti li hija obbligata twettaq in-notifika;
- fil-każ ta' dokumenti ekstraġudizzjarji, il-qorti muniċipali (*općinski sud*) li fit-territorju tagħha l-korp jew il-persuna li titlob in-notifika ta' dokumenti barra mill-pajjiż tkun domiċiljata, abitwalment residenti jew stabbilita;
- fil-każ ta' dokumenti li ġew iċċertifikati jew maħruġa minn nutara, il-qorti muniċipali li huma stabbiliti fit-territorju tagħha.

L-Artikolu 3(2) – Aġenziji riċeventi

L-aġenzija mittenti kompetenti għan-notifika ta' dokumenti fil-Kroazja hija l-qorti muniċipali li d-dokumenti jridu jiġu nnotifikati fit-territorju tagħha.

L-Artikolu 3(4)(c) – Mezzi biex jirċievu d-dokumenti

Id-dokumenti jiġu aċċettati b'email u bil-posta.

L-Artikolu 3(4)(d) – Lingwi li jistgħu jintużaw għall-mili tal-formola standard li tinsab fl-Anness I

Il-formola standard stabbilita fl-Anness I tista' timtela bl-Ingliż.

L-Artikolu 4 – Korp ċentrali

Il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (*Ministarstvo pravosuđa i uprave Republike Hrvatske*)

Ulica grada Vukovara 49

10000 Zagreb

Tel.: +385 1 371 40 00

Sit web: <https://mpu.gov.hr/>

L-Artikolu 7 – Assistenza f'inkjesti dwar indirizzi

L-Artikolu 7(1)(a)

Meta l-indirizz fir-Repubblika tal-Kroazja tal-persuna msemija fit-talba ma jkunx magħruf, tista' tikkuntattja lil kwalunkwe awtorità kompetenti (qorti muniċipali) fir-Repubblika tal-Kroazja, li tgħinek issib l-indirizz u, fuq inizjattiva tagħha stess, tissottometti talbiet għal informazzjoni dwar indirizzi lir-reġistri tad-domiċilju jew bażijiet tad-data oħra.

L-Artikolu 7(2)(c)

L-aġenziji riċevanti Kroati, fuq inizjattiva tagħhom stess, jippreżentaw talbiet għal informazzjoni dwar indirizzi lir-reġistri tad-domiċilju jew lil bażijiet tad-data oħrajn, f'każijiet meta l-indirizz indikat fit-talba għan-notifika jkun żbaljat.

L-Artikolu 8 – Trażmissjoni tad-dokumenti

Il-formola A fl-Anness I tista' timtela bl-Ingliš.

L-Artikolu 12 – Meta d-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta dokument

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 13 – Data tan-notifika

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 14 – Ċertifikat tan-notifika u kopja tad-dokument notifikat

Il-formola K fl-Anness I tista' timtela bl-Ingliš.

L-Artikolu 15 – Spejjeż tan-notifika

Mhux applikabbli taħt il-qafas leġislativ nazzjonali.

L-Artikolu 17 – Notifika minn aġenti diplomatiċi jew uffiċjali konsulari

Il-Kroazja topponi n-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji permezz ta' aġenti diplomatiċi jew uffiċjali konsulari fit-territorju tagħha, sakemm id-dokumenti ma jkunux iridu jiġu nnotifikati liċ-ċittadini tal-Istat Membru li d-dokumenti joriġinaw minnu.

L-Artikolu 19 – Servizz elettroniku

Mhux applikabbli.

L-Artikolu 20 – Notifika diretta

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili jipprevedi li d-dokumenti jiġu nnotifikati bil-posta jew minn uffiċjal ġudizzjarju speċifiku, jiġifieri impjegat ta' qorti, permezz ta' awtorità amministrattiva kompetenti jew nutar pubbliku jew direttament fil-qorti, jew b'mezzi elettroniċi f'konformità mal-Att. Fuq talba ta' parti li tiddikjara li lesta tħallas l-ispejjeż imġarrba, il-qorti tista', b'deċiżjoni li ma jista' jiġi ppreżentat l-ebda appell kontra, tordna li n-notifika ta' dokument tiġi fdata lil nutar pubbliku. F'dak il-każ, il-qorti tpoġġi d-dokument li jrid jiġi nnotifikat flimkien mad-deċiżjoni tagħha f'envelopp speċjali u tgħaddih lil dik il-parti.

Għalhekk, fuq it-talba ta' persuna interessata fl-eżitu tal-proċedimenti tal-qorti, in-notifika diretta ta' dokumenti fil-Kroazja permezz tan-nutar pubbliku kompetenti hija permessa.

Nutar pubbliku ma huwiex obligat li jinnotifika dokument jekk l-ispejjeż biex iwettaq dik l-azzjoni ma jkunux tħallu lilu minn qabel. Il-parti tħallas l-ispejjeż minn qabel direttament fil-kont tan-nutar pubbliku.

L-Artikolu 22 – Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċedimenti

Talba għall-ħelsien mir-responsabbiltà ma tkunx permessa jekk tiġi sottomessa aktar minn sena wara l-adozzjoni tas-sentenza.

Il-qradi Kroati jistgħu jagħtu sentenzi jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2) jiġu ssodisfati.

L-Artikolu 29 – Relazzjoni ma' ftehimiet jew arranġamenti bejn l-Istati Membri

Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja tas-7 ta' Frar 1994 dwar l-assistenza legali f'materji ċivili u kriminali.

L-Artikolu 33(2) – Notifika dwar l-użu bikri tas-sistema tal-IT deċentralizzata

Il-Kroazja ma hijiex f'pożizzjoni li topera s-sistema tal-IT deċentralizzata fi stadju aktar bikri minn dak meħtieġ mir-Regolament.

■ L-aħħar aġġornament: 06/03/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.